# Kif Naħsibha Jien

L-Unjoni Ewropea, bħall-bqija tad-dinja, bħalissa għaddejja minn żminijiet diffiċli, riżultat ta' l-impatt tal-kriżi globali li bdiet tgħeżżeż il-pedamenti ta' l-ekonomiji żviluppati s-sena li għaddiet. Iżda issa m'huwiex il-waqt li mmorru lura mir-riformi tant meħtieġa proposti fl-Istrateġija ta' Lisbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Tabilħaqq, forsi huwa aktar importanti li l-UE tagħti spinta qawwija lill-miżuri li jsostnu l-aġenda ta' riformi.

Meta l-mexxejja Ewropej iltaqgħu f'sammit f'Lisbona f'Marzu 2000 huma ffissaw mira għall-UE li ssir "l-ekonomija mibnija fuq in-knowledge l-iżjed dinamika u kompetittiva fid-dinja" sa l-2010. Dan kien fl-aqwa tal-perjodu hekk-imsejjaħ dot.com, meta t-tkabbir ekonomiku kien tajjeb u l-prospetti għall-ġejjieni kienu sbieħ ħafna. Il-politiċi Ewropej kienu ottimisti li l-UE setgħet tikseb l-istess suċċess ekonomiku bħall-Istati Uniti. Huma ffissaw targiet ta' tkabbir ekonomiku ta' 3 fil-mija fis-sena u l-ħolqien ta' 20 miljun impjieg sas-sena 2010. L-aġenda wriet it-triq biex jintlaħaq dan il-għan permezz ta' oġġettivi f'oqsma bħall-impjiegi, l-innovazzjoni, l-intrapriża, il-liberalizazzjoni u l-ambjent.

Madankollu Felipe González, iċ-ċermen tal-grupp ta' 'Nies Għorriefa' maħtur mill-UE biex jidentifika l-isfidi ewlenin li l-Unjoni se jkollha fil-ġejjieni, dan l-aħħar iddikjara li l-Istrateġija ta' Lisbona kienet falliet. González, li għandu miegħu lil nies prominenti bħal Jorma Ollila, eks kap uffiċjal eżekuttiv tan-Nokia, Lech Walesa u Mario Monti, iddeċieda li ma joqgħodx jomgħod kliemu.

González jemmen li l-UE għamlet dijanjosi żbaljata tal-problemi tagħha u li r-riġidità żejda fl-intrapriżi li tikkaratterizza lis-soċjetajiet Ewropej għadha ma nbidlitx b'mod fundamentali. F'konferenza pubblika dan l-aħħar, huwa qal li fl-Ewropa huwa mpossibbli li ssib lil xi Bill Gates ieħor moħbi fil-garaxx ta' xi ħadd, għaliex il-kunsill muniċipali tal-post probabbilment jipprojbieh. L-udjenza daħket, iżda kien qiegħed iniggeż fil-laħam il-ħaj!

González jemmen li l-UE jeħtiġielha "sett ta' relazzjonijiet ġodda" u "patt soċjali għas-seklu 21". Huwa jargumenta li l-kriżi ekonomika globali kurrenti tista', fil-fatt, toffri opportunità biex l-Ewropa titbiegħed mill-istat ta' "dekadenza ħelwa" li ilha tgħix fih għal snin sħaħ. Hemm ċans li r-relazzjonijiet soċjali, ir-relazzjonijiet industrijali, u s-sistemi ta' edukazzjoni jkunu miżuna mill-ġdid u jkunu stabbiliti fuq sisien ġodda.

Il-mexxejja ta' l-UE infushom qalu f'sammit riċenti li l-Istrateġija ta' Lisbona "għadha qafas effettiv biex niksbu tkabbir u impjiegi sostenibbli". Madankollu, huma ħallew diskussjonijiet serji dwar il-ġejjieni ta' l-istrateġija għal meta Kummissjoni ġdida tieħu l-ħatra tagħha fit-tieni

nofs ta' din is-sena.

Jekk l-UE twettaq ir-riformi ekonomiċi tajba issa, hija tista' tassigura ġejjieni għani, ġust u sostenibbli mill-lat ambjentali. Hija tista' tiżgura li l-ekonomiji tagħna jkunu f'qagħda tajba li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li ġġib il-globalizazzjoni. Hija tista' tpoġġi lill-Ewropa f'qagħda b'saħħitha li tagħmel tajjeb għall-bidliet demografiċi li jfissru aktar nies anzjani u inqas żgħażagħ ta' eta' li jistgħu jibdew jaħdmu fis-soċjetajiet tagħna.

Malta mhix eċċezzjoni għar-rekord ta' fallimenti li kellha l-UE. Anzi, qiegħda f'pożizzjoni agħar. Fl-aħħar ranking ippubblikat miċ-Ċentru Ewropew għar-Riforma (CER), fl-2008 aħna ġejna fis-27 post, li ma wera l-ebda titjib fuq ir-ranking tas-sena ta' qabel. Simon Tilford u Philip Whyte tas-CER ma taw l-ebda tikketta ta' "eroj" lil Malta, iżda tawna għadd ta' tikketti ta' "villan", f'ċerti oqsma fejn kien jeħtieġ riformi.

Safejn jikkonċerna lilna, il-programm ta' riformi ta' Lisbona kien ta' diżappunt, b'xi eċċezzjonijiet żgħar. Madankollu, dan ma jxellifx il-każ intellettwali għal riformi, għaliex l-istrateġija ta' Lisbona tipprovdi gwida indispensabbli għad-direzzjoni tar-riformi. Jekk aħna nibqgħu ma nirriformawx, ikollna nitwikkew b'livell ta' għajxien inqas minn dak Ewropew u nsofru minn inugwaljanza akbar bejn il-livelli soċjali differenti u fid-dħul li jgawdu. Il-fatt li l-livell ta' l-għajxien tagħna mkejjel skond Purchasing Power Standards nizel mindu dħalna fl-UE, jikkonferma dan.